

# L-ESPERJENZA TA' SAN PAWL FIL-KOMUNITÀ NISRANIJA TA' ANTJOKJA

Il-bidu tal-esperjenza ta' San Pawl fil-komunità ta' Antjokja nsibuha f'Atti 11, 25-26: *"Mbagħad hu* (Barnaba) *telaq lejn Tarsu jfittex lil Sawl u meta sabu ħadu Antjokja. Għaddew sena sħiħa flimkien fil-Knisja u għallmu kotra kbira ta' nies. Kien f'Antjokja li d-dixxipli għall-ewwel darba sejħulhom 'Kristjani'."*

Min jiltaqa' ma' Kristu, jgħix din l-esperjenza sabiħa fil-Komunità Nisranija, jiġifieri, il-Knisja, għaliex fi ħdanha:

Tisma' t-tagħlim veru tal-Evanġelju permezz tal-Predikazzjoni u l-Katekeżi tal-Knisja.
Tkun maqgħud mar-Ragħaj tagħha u f'xirka mal-aħwa kollha.
Tgħix il-Liturġija bħala għajn ta' ħajja li torbtok dejjem aktar ma' Kristu u mal-bnedmin permezz taċ-Ċelebrazzjoni tal-Misteri tal-Fidi.

San Pawl kien ixandar il-Kelma t'Alla lil ħafna nies, kemm lil dawk li kienu Lhud kif ukoll lill-pagani. Kull min kien jisma' u jilqa' l-Kelma ta' Alla beda jagħmel parti mill-komunità Nisranija, fejn l-aħwa kienu jaqsmu kollox flimkien.

Jalla aħna lkoll f'din is-Sena Pawlina nergħu nisimgħu x-xandira tal-Evanġelju biex inġeddu l-esperjenza tagħna bħala veri Kristjani li jgħixu l-ħajja tagħhom fil-Komunitajiet Parrokkjali tad-djoċesi tagħna.

*Mons Ġużepp Attard, Arċipriet Parroċċa Katidral*

## *Jistgħu jinteressawk*

*Ġimgħa 5: Talk dwar l-Ikonografija ta' San Pawl (Kunvent Santu Wistin 6.30p.m.)*
*Ħadd 7: Festa tal-Madonna tal-Karmnu (Knisja Xlendi)*
*Tnejn 8: Festa tat-Twelid tal-Madonna (Parroċċa Xagħra)*

*gozopress • 21551534*

## It-Talba tal-ġimgħa

Mulej Ġesu', anke jien, bħal Pietru, nippreferi nimxi miegħek fejn m'hemmx tbatija. Agħtini, Mulej, rieda sħiħa, biex ma' nkunx ta' tfixkil għall-pjan li Alla għandu għalija ; u nimxi miegħek fit-triq tas-salib marbut ma' kull ġurnata, biex din twassalni fil-glorja miegħek.




It-22-il Ħadd matul is-sena • Sena A • Id-39 Sena (2057) • 31 ta' Awissu 2008

## Qari mill-Evanġelju ta' San Mattew (Mt. 16, 21-27)

F'dak iż-żmien Ġesù beda juri lid-dixxipli tiegħu li kien meħtieġ għalih li jmur Ġerusalemm, isofri ħafna mix-xjuħ u l-qassisin il-kbar u l-kittieba, joqtluh, u fit-tielet jum iqum. Pietru ġibdu lejh u beda jlumu u jgħidlu: "Allaħares, Mulej! Ma jkun qatt li dan jgħaddi minn għalik" Iżda Ġesù dar u qal lil Pietru: "Itlaq minn quddiemi, ja xitan! Int tfixkil għalija, għax m'intix tqis il-ħwejjeġ ta' Alla, imma qiegħed taħsibha ta' bniedem li int" Mbagħad Ġesu' qal lid-dixxipli tiegħu: "Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu, u jimxi warajja. Għax min irid isalva ħajtu, jitlifha, imma min jitlef ħajtu għall-imħabba tiegħi, isibha. Għax xi jkun jiswielu l-bniedem jekk jikseb id-dinja kollha u mbagħad jitlef ħajtu? Jew xi prezz se jagħti l-bniedem biex isalva ħajtu? Għax Bin il-bniedem għandu jiġi fil-glorja ta' Missieru flimkien ma' l-anġli tiegħu, u mbagħad irodd lil kull wieħed skond ma wieħed ikun għamel.



## RIFLESSJONI

- Il-ħajja kollha ta' Ġesu' kienet diretta lejn il-kalvarju biex ibati u jagħti ħajtu għalina.
- Pietru ma riedx li Ġesu' jgħaddi minn dan u kien ta' tfixkil għal Ġesu, għax kien għadu ma fehemx l-pjan ta' Alla.
- Ġesu' juri lid-dixxipli li dawk li jridu jkomplu l-mixja warajH iridu jkunu lesti għat-tbatija miegħu u bħalu.
- Tagħti ħajtek ifisser tħobb lil Alla b'mod totali f'kull ċirkustanza.
- Ġesu' se jkun Hu stess il-premju ta' l-għotja tagħna, għax qalilna li se nkunu fejn se jkun Hu.